MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 2

14 ta' April 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 2 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 14 ta' April 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-minuta 3.4. **(Ref: C/2)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"3.4. Is-Sindku R. Cutajar qal li hija l-intenzjoni tiegħu li jkompli fuq it-tajjeb li għamel il-Kunsill preċedenti. Huwa rringrazzja lill-Kunsillier J. Buttigieg li serva bħala Sindku matul is-sitt snin preċedenti, kif ukoll lill-kunsillieri kollha membri fil-Ħames Kunsill. Is-Sur Cutajar qal li personalment ser jibgħat ittra f'dan is-sens lil erba' kunsillieri li m'għadhomx jiffurmaw parti mis-Sitt Kunsill.".*

1.2. Il-Minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati bl-emenda proposta.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Kontroll fuq l-Iżvilupp f'Santa Marija Estate (S/2/Vol V)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 2 ta' April 2008, mibgħuta mill-Għaqda Santa Marija u Kortin dwar żviluppi li għaddejjin ġo Santa Marija Estate. Fl-opinjoni ta' l-għaqda, l-ambjent f'Għajn Żejtuna qed jinqered bi żvilupp żejjed, meta oriġinarjament din iż-żona kienet intenzjonat bħala *Garden Estate*. Huma fil-fatt ħejjew rapport indirizzat lill-Prim Ministru u appellaw għall-appoġġ tal-Kunsill fil-proposti li saru fih.

2.1.3. Ġie spjegat li l-preokkupazzjonijiet ewlenin ta' l-għaqda huma:

i. it-tibdil li kien hemm fil-Pjan Lokali f'dak li jirrigwarda l-ispustjar tat-*transition zone* bejn Tas-Sallum u Santa Marija Estate. Dwar dan qed isostnu li ma' kienx hemm konsultazzjoni pubblika, kif anke jirriżulta mir-rapport ta' l-Awditur tal-MEPA ta' Novembru 2006 – PC 00041/07;

ii. huma mħasbin ukoll b'*Outline development permit application* sabiex tiġi żviluppata art fin-naħa t'isfel tal-Wied ta' Għajn Żejtuna – PA 5301/07 - meta parti sostanzjali mill-art indikata tinsab 'il barra mil-linja ta' l-iżvilupp (*ODZ*);

iii. ġibdu l-attenzjoni wkoll għall-permess li ngħata biex tiġi żviluppata art li tmiss ma' Triq iż-Żebbuġ – li ma jikkonsistix f'*fully detached villas* – kif huwa stipulat fil-kuntratti kollha originali li kienu jsiru bejn Cenmed Ltd u x-xerrejja;

iv. ilmentaw li t-tqattiegħ tal-blat għandu jkun limitat għall-*footprint* tal-bini u *swimming pools* biss sabiex jinżamm il-kunċett ta' *garden estate* u hekk jitħalla aktar spażju għas-siġar u l-ħamrija. F'xi każi t-tqattiegħ tal-blat qed anke jeqred id-dehra tax-xifer; u

v. ikun hemm konsultazzjoni pubblika, wara li jsir *Environment Impact Assessment (EIA)* jew xi studju simili li jittratta s-sostenibilità ta' l-iżvilupp li qed jiġi approvat attwalment mill-MEPA.

2.1.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrimarka li l-iżvilupp imsemmi fil-paragrafu (iii) u (iv) diġa twettaq u jkun inutli li dawn il-każi jitqajjmu f'dan l-istadju. Qal ukoll li *EIA* jinvolvi spiża enormi, partikularment jekk isir fuq medda kbira bħalma huwa Santa Marija Estate.

2.1.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg fakkar li l-Kunsill diġa ħa posizzjoni dwar it-*transition zone*, permezz ta' ittra data 28 ta' Awissu 2006. Kompla jgħid li l-MEPA konvenjentement sabet soluzzjoni billi introduċiet *Policy* NWML 12 fil-Pjan Lokali tal-Majjistral approvat fl-Lulju 2006, fejn ġie konċess sular ieħor fuq żona ntiża għall-vilel f`Santa Marija Estate. Dan jikkontradixxi l-*Policy* NWML 13, fejn jingħad li l-iżvilupp affettwat bl-applikazzjoni PA 4487/06, ossija l-art li tinsab bejn Santa Marija Estate u Tas-Sellum, għandha sservi bħala żona ta` tranżizzjoni, bejn *area* b`numru kbir ta` residenzi għall-vilaġġjatura u ż-żona ta` Santa Marija Estate, fejn jeżistu vilel biss.

2.1.6. Ittieħdet posizzjoni wkoll dwar l-*Outline Development Application,* li tinvolvi żvilupp fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna, permezz ta' ittra datata 8 ta' Novembru 2007, fejn inġibdet l-attenzjoni li l-applikazzjoni PA 5301/07 tmur kontra l-*policies* NWUS 5 u NWML 4 tal-Pjan Lokali.

2.1.7. Dwar il-punt (i), aktar 'il fuq, is-Sindku qal li fir-rapport ta' l-Awditur tal-MEPA ta' Novembru 2006, intqal li l-istess MEPA naqset milli tagħmel aktar konsultazzjoni pubblika wara it-tibdil li kien ser isir fl-abbozz tal-Pjan Lokali oriġinali, wara li dan kien diġa tpoġġa għall-konsultazzjoni pubblika. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li r-rapport jaċċenna għall-ittra mibgħuta mill-Kunsill tat-28 ta' Awissu 2006.

2.1.8. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li Għaqda Santa Marija u Kortin għandha tiġi mgħarrfa formalment li l-posizzjoni tal-Kunsill diġa hija ċara biżżejjed.

## 2.2.1. Maratona fit-toroq tal-lokalita` (S/4/2/Vol II)

2.2.2. Inqrat ittra datata 2 ta' April 2008, mibgħuta mill-Mellieħa Athletic Club, fejn talbu lill-Kunsill sabiex jgħin fl-organizzazzjoni tal-ġirja annwali ta' 10 kilometri, tellieqa ta' 2 kilometri għaż-żgħażagħ u *fun run* illi ser issiru fit-toroq tal-Mellieħa fl-4 ta' Mejju 2008.

2.2.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li din it-talba jeħtieġ li tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-fatt illi l-Mellieħa Athletic Club jorganizza attivita` waħda fis-sena fil-Mellieħa u hekk huwa differenti minn għaqdiet oħra purament lokali li huma attivi s-sena kollha.

2.2.4. Is-Sindku qal li jixtieq illi għaqda bħalma hija l-Mellieħa Athletic Club torganizza mill-inqas żewġ attivitajiet fis-sena.

2.2.5. Il-Kunsill laqa` it-talba u għalhekk iddeċieda li jipprovdi t-trofej.

## 2.3.1. Rwol tas-Segretarju Eżekuttiv fl-amministrazzjoni (K/1/8/Vol II)

2.3.2. Inqrat ittra datata 10 ta' April 2008, mibgħuta mid-Direttur Gvern Lokali dwar il-funzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv biex jassigura tmexxija amministrattiva tajba. Inġibdet l-attenzjoni wkoll dwar l-obbligu li jkun leali lejn il-Kunsill kollu kemm hu, filwaqt li jeżegwixxi bl-aħjar mod possibbli d-deċiżjonijiet leġittimi meħuda mill-Kunsill. Fl-istess ittra sar appell lill-kunsillieri sabiex jagħtu widen għall-pariri li jagħti s-Segretarju Eżekuttiv.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' l-ittra.

### 2.4.1. Attivita` mtellgħa miċ-Ċentru Parrokkjali Drama Group (S/6/Vol III)

2.4.2. Saret referenza għal ittra datata 10 ta' April 2008, mibgħuta mill-għaqda msemmija, fejn ġiet espressa x-xewqa li tissieħeb mal-Kunsill sabiex tittellgħa rappreżentazzjoni oħra tal-*musical* Jekyll and Hyde fis-Sala tal-Komunita fl-Iskola Primarja.

2.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir kuntatt mad-Drama Group bil-għan li jiġu identifikati metodi kif tista' tinghata għajnuna.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 21/03/08 – 09/04/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 11/03/08 – 10/04/08
- *Purchase Request Form* – 14/04/08
- Skeda ta` ilmenti - 0136/08 – 0179/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Adenau (K/1/5/1/Vol III)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 6.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Kunsillieri J. Azzopardi u H. Fenech wrew interess flimkien miegħu biex jattendu f'Adenau, bejn l-20 u t-22 ta' Ġunju 2008, fl-okkażjoni tal-Midsummer Festival. Is-Sur R. Cutajar staqsa dwar jekk kienx hemm xi ħaddieħor li jixtieq jattendi.

4.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel tajjeb għal tliet biljetti ta' l-ajru, filwaqt li l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni jitħallsu mill-kunsillieri stess.

4.1.4. Is-Sindku għarraf illi is-Sindku ta' Adenau Bernd Schiffarth jinsab Għawdex flimkien ma' grupp ta' tletin persuna. Huwa ppropona sabiex fis-17 ta' April 2008, bejn it-3.00pm u t-8.00pm, il-grupp iżur l-uffiċċju tal-Kunsill, jittieħed żjara fid-Dar tal-Komunità Madonna tal-Mellieħa u wara jmur fil-Manikata, fejn jingħataw xi ikel ippreparat mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata.

4.1.1. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Sindku.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta` Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 14 ta' April 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta` pagamenti mitluba bejn il-21 ta' Marzu u d-9 ta' April 2008

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn il-11 ta' Marzu u l-10 ta' April 2008.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati.

## 7.1. Tiġdid tal-ftehim dwar it-tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/Vol II)

7.2. Is-Segretarju fakkar li t-test tal-ftehim, li skada fil-21 ta' Marzu 2008, ġie mgħoddi lil kull kunsillier qabel is-seduta. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk hemmx emendi x'jitresqu.

7.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li Annex I tal-ftehim għandha tiġi aġġornata sabiex tirrifletti l-bidla għall-munita Ewro.

7.4. Billi ma tressqux emendi, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-ftehim għal tliet snin oħra.

## 8.1. Tiġdid tal-ftehim dwar it-tmexxija tal-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol III)

8.2. Is-Segretarju fakkar li t-test tal-ftehim, li skada fid-29 ta' Frar 2008, ġie mgħoddi lil kull kunsillier qabel is-seduta. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk hemmx emendi x'jitresqu.

8.3. Qamet diskussjoni fuq il-klawsola 2(ii)(c) tal-ftehim. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li mill-ewwel indikazzjonijiet li hemm wara l-inawgurazzjoni tal-Mużew, jidher li l-konkorrenza tal-pubbliku ser tkun fqira u għalhekk forsi ma jkunx għaqli minn naħa tal-Kunsill illi jinsisti li jingħata 10 % mill-bejgħ tal-biljetti.

8.4. Is-Sindku kkummenta li għadu forsi kmieni wisq biex wieħed jevalwa l-vijabilità ta' dan il-post, għar-raġuni li din tista' titjieb b'*marketing* tajjeb. Huwa qal li għal din ir-raġuni ma jaqbilx li l-klawsola 2(ii)(c) titneħħa.

8.5. Ġie deċiż li l-klawsola 2(ii)(c) għandha tibqa'.

8.6. Il-Kunsill ma qabilx dwar jekk jiżistix konflitt bejn il-klawsoli 2(ii)(d) u 2(ii)(e) u għalhekk iddeċieda li għandu jinkiseb parir legali dwarhom.

8.7. Dwar il-klawsola 5(iii), is-Sur J. Azzopardi ikkummenta li t-tħejjija ta' rapporti kull erba' xhur huwa spiss wisq u jkun iktar f'loku jekk dawn jiġu mressqa kull sena.

8.8. Rigward il-klawsola 5(iv), is-Sur Azzopardi qal li issa huwa importanti li jitħejja inventarju ta' l-immobbli kollha li jinsabu fil-Batterija ta' Westreme.

8.9. Kien hemm diskussjoni dwar il-klawsola 13 illi tobbliga lill-Art Club 2000 sabiex jottjieni poloz ta' assikurazzjoni dwar *public liability* u kontra danni sofferti minn terzi marbuta ma' l-użu tal-batterija. Minn naħa l-oħra l-istess klawsola tobbliga lill-Kunsill jakkwista polza li tkopri l-proprjetá mmobbli. Is-Sur J. Azzopardi ppropona li l-poloz kollha għandhom jinġiebu mill-Kunsill biss, minħabba r-raġuni mogħtija minnu skond il-minuta 8.3 aktar 'il fuq.

8.10. Il-Kunsill ma' approvax din il-proposta, filwaqt li talab lis-Segretarju sabiex jitlob stima tal-polza speċifikata fil-klawsola 13(b).

8.11. Kien hemm qabil ukoll li l-ħlasijiet ta' l-elettriku u l-ilma għandhom jibqgħu a karigu ta' l-Art Club 2000 skond il-klawsola 16(ii).

## 9.1. Tqassim u assenjazzjoni ta' responsabilitajiet lill-kunsillieri (K/2/Vol III)

9.2. Is-Sindku stqarr li kellu konsultazzjonijiet mal-kunsillieri kollha dwar ir-responsabilitajiet li jixtieq jassenjalhom. Huwa spjega li dawn ser ikunu mqassma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar - Sindku | Uffiċċju Amministrattiv u Ppjanar Strateġiku tal-Kunsill; Proġetti Kapitali; Il-Manikata; Il-Familja, Turiżmu u Kultura, Ġonna Pubbliċi; Attivitajiet Popolari; Programmi ta' l-Unjoni Ewropea; Ġemellaġġi; Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika; u l-Magazin tal-Kunsill. |
| Emvin Bartolo –<br>Viċi Sindku | Żamma ta' l-Ordni, Protezzjoni tal-Komunità (Gwardjani Lokali) u Rappreżentant fuq il-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku; Traffiku u Kordinament tal-Festa tal-Vitorja. |
| Joseph Azzopardi | Affarijiet Rurali; Ambjent; u Wirt Storiku |
| Clayton Bartolo | Melleħin Emigrati barra minn Malta; Protezzjoni tal-Konsumatur |
| John Buttigieg | L-Indafa Pubblika; Entitajiet Pubbliċi; u Membru fuq it-*Tender Adjudication Board*. |
| Patrick Cutajar | Teknoliġija ta' l-Informatika; Komunità Kummerċjali; u s-*Self Employed*. |
| Hilary Fenech | Edukazzjoni; Żgħażagħ; u Sports. |

9.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li dwar il-ġemellaġġi tintalab l-għajnuna ta' l-ex-kunsillier Joseph Borg li għandu esperjenza f'dan il-qasam. Huwa jkun responsabbli għall-kuntatti u l-kordinazzjoni meħtieġa kemm ma' Adenau, Cavriglia u xi lokalità oħra li jista` jsir ġemellaġġ magħha aktar 'il quddiem. F'dawk li huma attivitajiet popolari, is-Sindku ppropona li jkun hemm *pool* ta' madwar ħmistax-il persuna li jkunu jistgħu jgħinu fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet.

9.4. Is-Segretarju għarraf illi l-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku talab lill-Kunsill jaħtar ir-rappreżentant ewlieni u s-sostitut tiegħu fuq l-istess Kumitat Konġunt. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Kunsillier E. Bartolo għandu jibqa' jaqdi l-funzjoni ta' rappreżentant ewlieni, filwaqt li s-sostitut tiegħu ikun is-Sindku R. Cutajar.

9.5. Is-Sur C. Bartolo rrimarka li x-xogħol illi għandu x'jaqsam mal-Melleħin emigrati u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ma jinvolvux inpenn kontinwu u għalhekk iħoss li jista' jagħti kontribut aktar fil-qasam tal-kultura u forsi f'xi qasam ieħor li huwa midħla tiegħu.

9.6. Is-Sindku wieġeb li huwa qed jippjana li aktar 'il quddiem il-Kunsill jiddiskuti l-inklużjoni ta' attività għall-emigranti u jixtieq li l-kordinazzjoni tagħha tkun kollha f'idejn is-Sur C. Bartolo. Minkejja li l-qasam tal-kultura ser ikun f'idejn is-Sindku, huwa ma jara xejn ħażin li jiddelega xogħol relatat ma' din ir-responsabilita`. L-istess jista' jsir mill-Kunsillier H. Fenech fir-rigward taż-Żgħażagħ, l-Edukazzjoni u l-iSports.

9.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-qasam ta' l-Indafa Pubblika jista' jiġi kklassifikat ma' l-Ambjent u jemmen li bil-professjoni tiegħu ta' għalliem kien ikun iktar f'loku li jingħata r-responsabilità ta' l-edukazzjoni. Kompla jgħid illi mill-esperjenza li huwa kiseb fid-disa' snin li ilu membru tal-Kunsill, jemmen li jiflaħ jingħata responsabilitajiet aktar impenjattivi. Is-Sur Buttigieg sostna wkoll li r-responsabilitajiet li ngħata ma jġibuħ daqshekk f'kuntatt mal-pubbliku.

9.8. Il-Kunsillier J. Azzopardi qabel ma' l-opinjoni għar-raġuni li l-Indafa Pubblika għandha tkun ħaġa waħda ma' l-ambjent.

9.9. Is-Sindku qal li filwaqt li jirrispetta l-ħsibijiet tas-Sur Buttigieg, f'dan l-istadju hu ma kien ser jibdel xejn mir-responsabilitajiet assenjati. Il-Sindku wieġeb li l-qasam ta' l-entitajiet pubbliċi jinkludi wkoll il-*monitoring* ta' l-applikazzjonijiet li jsiru lill-MEPA, kif ukoll s-sejħiet li jsiru għall-offerti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għall-użu ta' proprjetà pubblika. Huwa kompla jgħid li ta struzzjonijiet lis-Segretarjat sabiex jinġabru l-avviżi li jkun hemm fil-Gazzetta tal-Gvern, peress li f'xi każi dawn jaffettwaw lir-residenti.

9.10. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jiddiskuti dan is-suġġett fis-seduta li jmiss, f'dak li jirrigwarda n-nominazzjoni ta' membri fuq il-kumitati u s-sotto-kumitati.

## 10.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 12/2007 – Sistema ta' Ventilazzjoni għas-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja (S/3/7/Vol III)

10.2. Is-Sindku għarraf illi f'laqgħa li kellu mas-Sinjura Mary Rose Leone – il-Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa – sar aċċenn għal rapport dwar is-saħħa u s-sigurtà fl-istess skola. Fir-rapport inġibdet l-attenzjoni għal nuqqasijiet li jeżistu fid-daħla għas-Sala tal-Komunità, li jirrigwardaw in-nuqqas ta' puġġaman man-naħa tat-triq billi l-ħajt huwa baxx, kif ukoll madum li jiżloq meta tkun ix-xita. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-fondi vvutati għas-sistema tal-ventilazzjoni jiġu ndirizzati għal dawn in-nuqqasijiet imsemmija, kif ukoll sabiex tiġi modifikata r-rampa li tagħti għall-bieb ta' l-iskola u s-sala fuq in-naħa ta' Triq Qasam Barrani. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa nfurmat li s-sistema tal-ventilazzjoni hija ntiża sabiex isiru mis-sala għal attivitajiet fix-xhur tas-sajf. Inġibdet l-attenzjoni wkoll illi bħala parti mix-xogħlijiet marbuta mad-dar ta' l-anzjani ser jinbena teatru grieg fi Ġnien il-Qiegħan, fejn jistgħu jsiru attivitajiet matul il-perjodu tas-sajf.

10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ħtieġa ta' sistema ta' ventilazzjoni tinħass anke fix-xitwa. Huwa kkummenta wkoll li t-teatru grieg huwa xi ħaġa tajba li ssir, iżda ma jkunx fih faċilitajiet permanenti ta' audio u d-dwal bħalma hemm fis-sala. Kemm-il darba l-iskola għandha nuqqasijiet li jinvolvu s-saħħa u s-sigurtà, dawn għandhom jiġu ndikazzata lill-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u mhux lill-Kunsill Lokali.

10.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jipproċedi bl-aġġudikazzjoni ta' l-unika offerta li kien hemm, wara li jkollu f'idejh ir-rapport ta' Galea Curmi Engineering Consultants.

### 11.1. Tħawwil ta' siġar fil-Park Nazzjonali ta' Natura u Storja tal-Majjistral (A/4/10)(A/3/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ġie ikkuntattjat mid-ditta Time International Sports Ltd, importaturi taż-żraben ta' l-għamla Timberland illi lesti joffru 100 siġra kull sena, fil-ħames snin li ġejjin, sabiex jitħawwlu fil-lokalità. Din is-sena s-siġar ser ikunu taż-żebbuġ. L-inizjattiva ser tkun possibbli permezz ta' fond li d-ditta msemmija ħolqot billi titlob ħlas addizzjonali ta' € 2 ma' kull par żarbun li tbiegħ ta' l-għamla msemmija. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li huwa ppropona li dawn is-siġar jitħawwlu fil-Park tal-Majjistral, qrib ir-Razzett tal-Qasam, wara li kkonsulta mal-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Hawnhekk huwa fakkar li permezz ta' ittra datata 24 ta' Marzu 2008, l-istess Koperattiva appellat lil diversi entitajiet sabiex jsiru għotjiet ta' siġar b'riżq l-*Olive Green Project* li għadu kemm ġie mniedi. Intqal ukoll li l-Ministeru tar-Riżorsi, l-Infrastruttura u l-Ambjent ser ifakkar il-World Earth Day fit-23 ta' April 2008 u għalhekk saru kuntatti bil-għan li t-tħawwil ta' fil-Manikata jsir fl-istess jum u possibilment jattendi għalih l-Onor. Ministru George Pullicino.

11.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

### 12.1. Dehra ġdida tal-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol IV)

12.2. Is-Sindku ppropona li fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa" jiddaħlu paġni bil-kulur. Biex l-ispejjeż ma jiżdiedux ħafna huwa ppropona li n-numru totali ta' paġni jonqsu b'erba'. Minn stima mogħtija mill-Veritas Press, dan it-tibdil ser jinvolvi € 133 (Lm57) f'kull ħarġa. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li aktar dettalji dwar l-iddisinjar u s-*setting* ser jiġu diskussi f'laqgħa apposta li ser issir mal-Veritas Press.

12.3. Il-Kunsill laqa' din il-proposta.

### 13.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

13.2. Is-Sindku ppropona li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fil-9 ta' Mejju 2008 tiġi organizzata attività fis-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja. Huwa qal li ser jipprepara programm għaliha.

13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 14.1. Premju għall-Isportiv u l-Uffiċjal tas-Sena (S/4/4)

14.2. Is-Sindku ppropona li jinħoloq premju għall-isportiv u l-uffiċjal li jkun għamel suċċess jew wera spirtu sportiv. Il-premjijiet ikunu jistgħu jiġu ppreżentati wara li jispiċċa l-istaġun. Is-Sur R. Cutajar qal li l-bord ta' l-għażla jista' jkun kompost minn ġurnalisti fil-qasam sportiv , wara li jsiru nominazzjonijiet minn individwi jew għaqdiet.

14.3. Il-Kunsill innota l-proposta u kien tal-fehma li l-idea għandha tkompli tiġi diskussa fis-seduti li jmiss.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-9.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**